# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI TA' MALTA

## MAGISTRAT DR FRANCESCO DEPASQUALE

**Seduta ta' nhar it-Tnejn hamsa u ghoxrin (25) ta' April 2016**

**Rikors Numru 423/12 FDP**

**Simon Decesare**
**(ID 79975M)**

**vs**

**Perit Adrian Mangion (ID 580385M) u b'digriet tat-12 ta' April 2013, giet kjamat in kawza is-socjeta Archi+ Limited (C 49508)**

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors promotur ippresentat fit-12 ta' Dicembru 2012 fejn ir-rikorrent, filwaqt illi ghamel referenza ghal xogholijiet ta' "*project manager*" illi kien imqabbad l-intimat sabiex jaghmel, talab lill-Qorti tikkundanna lill-intimat ihallsu lura s-somma ta' €4,779 imhallsa lill-intimat zejjed in vista tal-fatt illi huwa ma kienx lesta it-Tielet u Raba fazi tal-progett lilu moghti.

Bl-ispejjez u bl-imghax mit-28 ta' Awissu 2012, data meta intbghatitlu Ittra Ufficjali ghall-hlas.

Rat il-ftehim datat 1 ta' Awissu 2011 kif ukoll l-Ittra Ufficjali datata 28 ta' Awissu 2012.

Rat ir-risposta ta' l-intimat ippresentata fit-13 ta' Frar 2013 fejn, preliminarjament sahaq illi Adrian Mangion kien qieghed jagixxi f'isem Archi+ Limited u mhux f'ismu proprju. Fil-meritu, l-intimat sahaq illi mhux talli r-rikorrent ma ghandhux jiehu rifuzjoni, izda talli Archi+ Limited kellha tithallas il-bilanc ghas-servizzi resi, filwaqt illi insista illi dak mitlub mir-rikorrenti huwa esagerat stante illi x-xoghol illi attwalment ma sarx kien minimu hafna.

Rat illi fit-12 ta' April 2013 giet kjamata in kawzai s-socjeta Archi+ Limited.

Rat ir-risposta tas-socjeta Archi+ Limited ippresentata fl-24 ta' Mejju 2013 fejn sahqet illi attwalment kien ir-rikorrent li kellu jaghtiha l-flus filwaqt illi sahqet illi r-rikorrent ma kellu jiehu ebda flejjes lura filwaqt li insistiet illi x-xogholijiet kienu kwazi kollha tlestew.

Semghet ix-xhieda ta' **Simon Decesare** moghtija fl-14 ta' Ottubru 2013 u rat id-dokumentazzjoni minnu esebita.

Rat illi fl-14 ta' Ottubru 2013 ir-rikorrent iddikjara illi ma kellux aktar provi x'jippresenta.

Semghet ix-xhieda in ezami u kontro ezami ta' **Adrian Mangion** moghtija fis 17 ta' Frar 2014 u rat id-dokumentazzjoni minnu esebita.

Semghet ix-xhieda ulterjuri ta' Adrian Mangion moghtija fit-23 ta' Mejju 2014 u fl-24 ta' Ottubru 2014 kif ukoll rat id-dokumentazzjoni voluminuza minnu esebita.

Semghet il-kontro ezami ta' Simon Decesare illi saret fl-24 ta' Ottubru 2014.

Semghet il-kontro ezami ta' Adrian Mangion illi sar fit 18 ta' Gunju 2015 u fid-19 ta' Ottubru 2015.

Semghet ix-xhieda ta' **Owen Farrugia**, rappresentant tal-Hal Mann Vella u **Aaron Vella** moghtija fit 23 ta' Novembru 2015.

Rat illi fit-23 ta' Novembru 2015 il-partijiet iddikjaraw illi ma kellhomx aktar provi x'jippresentaw.

Rat is-sottomissjonijiet tar-rikorrenti ippresentati fit 18 ta' Jannar 2016.

Rat is-sottomissjonijiet ta' l-intimati ippresetati fid 29 ta' Frar 2016.

Rat illi fl-14 ta' Marzu 2016 il-kawza giet differita ghas-sentenza ghallum.

## Ikkunsidrat

Jirrizulta, mill-provi prodotti, illi r-rikorrent kien qieghed fil-process illi jikkonverti u jlesti dar illi huwa kellu gewwa s-Siggiewi sabiex jghix fiha flimkien mal-familja tieghu.

Jirrizulta illi, mument minnhom, waqt illi r-rikorrent kien iltaqa' mal-Perit Adrian Mangion fuq xogholijiet differenti ghal dawk meritu tal-kawza odjerna, l-istess intimat gharraf lir-rikorrent illi huma joffru servizz ta' 'Project Management' li seta jghin lir-rikorrent fil-progett ta' konverzjoni illi huwa kellu fid-dar tieghu gewwa s-Siggiewi.

Jirrizulta illi, wara tali diskussjoni, intlahaq ftehim bejn Adrian Mangion, ghan-nom ta' Archi+ Architects Studio u ir-rikorrent fl-1 ta' Awissu 2011 fejn gie miftiehem illi ghas-servizz ta' '*Project Manager*', Archi+ Architects Studio kienu ser jithallsu l-ammont ta' €8,100, eskluz il-VAT, permezz ta' disgha pagamenti mensili ta' €900, u x-xoghlijliet kellhom jitlestew sal-15 ta' April 2012. Apparti minn hekk, f'kaz illi x-xoghol jitlesta sal-15 ta' April 2012, kien ser ikun hemm pagament addizzjonali bhala '*Performance Bonus*' ta' €2,000.

Jirrizulta illi x-xoghol ta' '*Project Management*' kif propost mill-intimat u d-ditta tieghu kien jinqasam principalment f'erbgha fazijiet, hekk imsejha "*Initiation*", "*Planning and Execution*", "*Monitoring and Controlling*" u "*Closing and Certification*".

Jirrizulta illi, ghalkemm fil-kuntratt kien hemm stabbilit illi l-"*completion deadline*" tax-xoghlijiet kienet il-15 ta' April 2012, ix-xoghlijlet ma kienux tlestew sa dakinhar.

Jirrizulta, di fatti, illi fil-15 ta' April 2012, kien ghad fadal hafna affarjiet pendenti fil-post, u dana minkejja illi r-rikorrent w il-mara tieghu kienu regolarment jiltaqghu ma' l-intimat u jilmentaw mieghu dwar dewmien.

Jirrizulta illi, ghat-tlett xhur wara li suppost tlesta x-xoghol, l-intimat personalment baqa' joffri s-servizzi tieghu sabiex il-progett jitlesta kien ippjanat, izda r-rikorrent beda ripetutament jilmenta ma' l-intimat illi x-xoghol kellu hafna dewmien u difetti u dana ma kienx accettabbli ghalih izda xorta xtaq li d-dar titlesta mill-aktar fis possibbli.

Jirrizulta illi s-sitwazzjoni baqghet ghaddejja bejn il-partijiet sat-3 ta' Awissu 2012 meta, wara illi ghal darba ohra r-rikorrent kien ilmenta ma' l-intimat illi ma kienx qieghed jaghmel xogholu kif suppost u ma kienx qieghed jaghmel ix-xoghol ta' '*project manager*' minnu mistenni, liema fatt wasal ghal dewmien esagerat fit-tlestija tad-dar, l-intimat baghat email lir-rikorrent (fol 30) fejn gharrfu illi qabel ma jhallsu ghat-tlett xhur ta' Mejju, Gunju u Lulju bir-rata stabbilita fil-kuntratt ta' l-1 ta' Awissu 2011, huwa ma kienx ser ikompli jiehu hsieb il-progett.

Jirrizulta illi eventwalment l-intimat ma baqax aktar involut fil-progett u sussegwentement, wara illi r-rikorrent sab terzi sabiex jaghmlu x-xogholijiet necessarji kif ukoll involva ruhu personalment kif ukoll tramite martu, ir-rikorrent dahal fid-dar f'Dicembru 2012, ossija tmien xhur wara d-data pre-stabbilita ma' l-intimat.

Jirrizulta illi, nelfrattemp, wara illi l-intimat waqaf jaghti s-servizzi tieghu, l-intimat baghat il-kont ghas-servizzi tieghu ghat-tlett xhur ta' Mejju, Gunju u Lulju 2012, u ghalhekk l-intimat nieda l-proceduri ghal danni kontra l-intimat abbazi ta' inadempjenza kontrattwali da' parte tieghu.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta, mill-provi prodotti, illi x-xoghol kellu jinqasam f'erbgha fazijiet, kif fuq ahjar deskritt, u r-rikorrent jikkontendi illi l-intimat ma ghamilx it-tielet u raba fazi tal-ftehim, ossija dak relatata ma '*Monitoring and Controlling*' u '*Closing and Certification*', u ghalhekk kien qieghed jitlob rifuzjoni ta' nofs il-flejjes minnu imhallsa lill-intimat abbazi tal-ftehim ta' l-1 ta' Awissu 2011, liema rifuzjoni presumibbilment huma danni illi r-rikorrent qieghed jippretendi abbazi ta' l-Artikolu 1125 tal-Kap 16.

Jirrizulta wkoll, mill-provi prodotti, illi l-intimat kien ghamel hafna xoghol ta' '*Monitoring and Controlling*' tax-xoghol fuq il-post, kif del resto hemm xhieda fil-varji emails skambjati bejn il-partijiet.

Jirrizulta, madanakollu, illi ma ghandu jkun hemm ebda dubju illi dwar ir-raba fazi tal-progett minnu redatt, ossija dik ta' '*Closing and Certification*', l-intimat ma ghamilx ix-xoghol kollu illi kien obbligat li jaghmel stante illi huwa waqaf, unilateralment, milli jkompli bix-xoghlijiet.

Jirrizulta wkoll illi huwa ghazel unilateralment illi jieqaf mix-xoghlijiet ghax beda jinsisti li jithallas ghax-xoghol li ghamel fix-xhur li ghaddew wara d-data pre-stabbilita ghall-kompletar tax-xoghlijljiet, liema pagamenti ulterjuri ma kienux ikkontemplati fil-ftehim ta' 1 ta' Awissu 2011 - l-unika pagament ulterjuri illi kien hemm kkontemplat kien dak ta' *performance bonus* ta' €2,000 f'kaz illi l-progett jitlesta sal 15 ta' April 2012, liema *performance bonus*, naturalment, l-intimat ma kellu ebda dritt jippretendi l-hlas tieghu stante illi naqas milli jonora l-obbligi tieghu.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta, mill-assjem tal-provi prodotti, illi, kif gia fuq indikat, r-rikorrent kien qieghed jitlob rifuzjoni ta' nofs il-flejjes imhallsa.

Jirrizulta, madanakollu, illi l-unika fazi illi l-intimat naqas milli jonora, kienet attwalment l-ahhar fazi, ossija ir-raba fazi.

Jirrizulta wkoll illi, l-intimat jidher illi kien gia lesta parti mic-certifikazzjoni tax-xoghlijiet li kienu saru, kif jidher fic-certifikazzjonijiet a fol 117, 118 u 119 tal-process mahruga f'Mejju u Gunju 2012.

Madanakollu, ma hemm ebda dubju illi l-intimat kien naqas milli jonora l-import kollu tal-progett illi ghalih huwa kien dahal fi ftehim mar-rikorrenti fl-1 ta' Awissu 2011, u ghalhekk jirrizulta car illi r-rikorrent ghandu dritt jitlob rifuzjoni ghal servizz mhux attwalment rez mill-intimat.

Il-Qorti tosserva illi meta wiehed jidhol ghal obbligu illi jaghmliha ta' "*project manager*", il-persuna li tqabbad tali persuna ghandha tippretendi li tali persuna tkun kapaci illi tmexxi l-progett wahdeha u tikkompletaha fiz-zmien miftiehem.

Jirrizulta car, fil-kaz odjern, illi, kemm ir-rikorrent kif ukoll il-mara tieghu, kienu regolarment involuti fil-progett ukoll u kien hemm hafna istanzi fejn l-intimat, flok ma jipprova jsib soluzzjoni hu ghal problema, kien jitlob lir-rikorent sabiex jintervjeni sabiex isolvi l-problema huwa stess. Dwar dana il-fatt, il-Qorti ma tistax ma tosservax illi kieku r-rikorrent ried isolvi l-problemi huwa stess, certament ma kienx iqabbad '*project manager*' sabiex imexxilu l-progett huwa stess, izda kien jaghmel kollox huwa stess.

Dana in-nuqqas, kif ukoll in-nuqqas li jikkompleta l-progett, certament iwassal sabiex il-Qorti tikkonkludi illi l-intimat naqas milli jonora il-ftehim minnu propost u milhuq, u ghalhekk ir-rikorrent ghandu dritt illi jitlob rifuzjoni, ghalkemm mhux fil-valur minnu pretiz.

Il-Qorti, sabiex tqis id-danni li ghandhom jigu attribwiti lill-intimat, tosserva illi ghalkemm ir-raba fazi ma giet kompletata mill-intimat, tqis illi huwa kien ikkompleta parti minn tali fazi, bir-rizultat illi l-Qorti qieghda tistipula d-danni sofferti mir-rikorrenti fis-somma ta' elfejn Euro (€2,000).

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta illi l-intimat, fl-eccezzjonijiet tieghu, kien qajjem id-difiza illi huwa ma kienx il-legittimu kontradittur stante illi kienet is-socjeta Archi+ Limited li dahhlet fi ftehim mar-rikorrent.

Jirrizulta illi, fit 12 ta' April 2013 giet kjamat in kawza is-socjeta Archi+ Limited.

Jirrizulta, madanakollu, wara qari fid-dettall tal-ftehim datat 1 ta' Awissu 2011, illi isem is-socjeta Archi+ Limited imkien ma jiffigura, u jidher car illi l-intimat Adrian Mangion kien qieghed jiffirma f'isem ARCH+ Architects Studio.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti,

Wara illi rat il-provi kollha prodotti

Wara illi rat is-sottomissjonijiet ta' l-abbli difensuri tal-partijiet

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi l-kaz billi

**Tichad** l-eccezzjonijiet kollha ta' Adrian Mangion u Archi+ Limited

**Tilqa** t-talbiet tar-rikorrenti limitatament u dana billi

**Tiddikjara** illi r-rikorrenti huwa intitolat jitlob ghad-danni minghand l-intimati stante nuqqas da' parte ta' l-istess intimati milli jesegwixxu l-obbligazzjonijiet minnhom ikkuntrattati,

**Tillikwida** d-danni sofferti mir-rikorrent fis-somma ta' elfejn Euro (€2,000) u ghalhekk

**Tikkundanna** lill-intimat Adrian Mangion u Archi+ Limited, in solidum bejniethom, ihallsu lir-rikorrent is-somma ta' elfejn Euro (€2,000) in linea ta' danni kif fuq ahjar spjegat

Spejjez tal-proceduri odjerni u imghax mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv ikun pagabbli mill-intimati in solidum bejniethom.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Marisa Bugeja**
Deputat Registratur